**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 40**

**Avviz Nru: 777/01 AE**

**Standard Publications Limited**

**vs**

**Studio Design International Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas ta' mija u sittin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm160.43) hlas dovut bhala bilanc ta' prezz in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta attrici fl-1999.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet li giet prezentata mis-socjeta attrici fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2001.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' mija u sittin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm160.43) ghal reklamar li sar fil-gazzetta The Malta Independent.

2. Il-hlas pretiz jirrizulta mid-dokumenti li gew prezentati mis-socjeta attrici u markati bhala Dok. JP1 (fol. 15) u Dok JP2 (Dok. 16). L-ewwel dokument huwa ndirizzat lil SDI Advertising u jgib id-data tat-23 ta' Mejju 2001, filwaqt li d-dokument JP2 huwa ndirizzat lil Studio Design Ltd li wkoll igib id-data tat-23 ta' Mejju 2001.

3. Carlo Schembri, rapprezentant tas-socjeta konvenuta, xehed li l-flus li qeghdin jintalbu permezz ta' Dok. JP1 *"mhux dovut mill-kumpannija tieghi u dan peress li l-kumpannija tieghi ma ghandha x'taqsam xejn mal-kumpannija SDI Advertising"*. B'riferenza ghal-dokument markat bhala Dok. JP2 iddikjara li huwa kien hallas. Ighid li l-hlas sar permezz ta' *"post – dated"* cheques li jgibu n-numri 2313 sa 2320 datati mill-1 ta' Jannar 2000 sal-10 ta' Lulju 2000, u numru 2721 sa 2732 li jgibu d-dati mill-10 ta' Awissu 2000 sal-10 ta' Mejju 2001. Kopja tal-*counterfoil* ta' dawn ic-cekkijiet tinsab fl-atti (fol. 33 – fol. 52) fl-ammont komplessiv ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm173.10). L-istatement li jgib id-data tat-23 ta' Mejju 2001 (fol. 16) jaghmel riferenza ghal zewg invoices (numri

21860 u 25959) li l-ammont komplessiv taghhom huwa ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm171.08).

4. L-oneru tal-prova li sar il-pagament jinkombi fuq il-konvenut. *"Hu principju mhux kontrastat in materja, infatti illi "la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega", kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1885, fil-kawza 'Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantement ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubbju, dak id-dubbju ghandu jigi rizolut favur l-attur (Vol. XXXV.iii.604)"* (**John Cini vs Rita Camilleri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Lulju 1982). Mill-provi li tressqu t-Tribunal m'huwiex sodisfatt li l-bilanc ta' sitta u sittin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm66.58) thallas lis-socjeta attrici. Fil-fehma tat-Tribunal il-*counterfoils* tac-cekkijiet li gew prezentati mis-socjeta konvenuta m'humiex prova fihom infishom li l-hlas sar. Ghalkemm is-socjeta konvenuta kellha l-mezzi u nghatat ukoll l-opportunita sabiex taghti prova tal-hlas, il-provi li tressqu ma jwasslux lit-Tribunal sabiex jikkonferma t-tezi tas-socjeta konvenuta.

5. Fir-rigward tat-talba ghall-hlas ta' mija u sitt liri Maltin u hamsa u disghajn centezmu (Lm106.95) din hija kwistjoni ohra. Fuq talba tat-Tribunal, is-socjeta attrici pprezentat kopja tal-*booking order* li jirreferi ghall-invoice numru 25027 mahrug fil-31 ta' Jannar 1999 fuq isem SDI Advertising (Dok.AE3 a fol. 31 tal-process). L-ordni saret minn Joseph Schembri fuq *letter head* tad-ditta Studio Design

International. Mid-dokumenti li gew prezentati jirrizulta li l-ordni saret fl-24 ta' Jannar 1999.

6. Fil-fehma tat-Tribunal il-provi jindikaw bic-cjar li r-relazzjoni tas-socjeta attrici hija ma' Joseph Schembri. Huwa minnu li dan Joseph Schembri jokkupa l-kariga ta' segretarju fil-kumpannija Studio Design International Limited (ara Dok. AE1 a fol. 29), pero huwa minnu wkoll li mill-booking order (fol. 31) jirrizulta bl-iktar mod inekwivokabbli li l-ordni ma saritx mis-socjeta konvenuta. Sahansitra fuq dan id-dokument li gie ffirmat minn Joseph Schembri, jinghad: *"I would like to book an advert on behalf of Krosse"*. Inoltre, anke l-istatements li nhargu mis-socjeta attrici huma ndirizzati lil SDI Advertising, u mhux lis-socjeta attrici. Rilevanti wkoll il-fatt li fit-23 ta' Mejju 2001 is-socjeta attrici harget zewg statements separati (fol. 15 u 16), wiehed fuq isem is-socjeta konvenuta u l-iehor fuq isem SDI Advertising. Ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta attrici fil-kors tax-xhieda tieghu pprova jaghti x'jifhem li l-kliem SDI Advertising jirreferu ghall-isem is-socjeta konvenuta, it-Tribunal m'huwiex sodisfatt li dan huwa minnu. It-Tribunal jinnota wkoll li mill-atti jirrizulta li kien biss wara li gew intavolati dawn il-proceduri li ntbaghat statement (fol. 13) b'riferenza ghall-invoice numru 25027 (datat 31 ta' Jannar 1999) fejn isem id-debitur inbidel ghal dak tas-socjeta konvenuta.

Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici limitatament ghas-somma ta' sitta u sittin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm66.58) hlas dovut skond statement

datat 23 ta' Mejju 2001 (fol. 16). Salv u mpregudikat kwalsiasi dritt li s-socjeta attrici jista' ghandha ghall-hlas tal-bilanc fil-konfront ta' terzi. Bl-imghax mid-data ta' l-invoices rispettivi.

L-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**